# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 5**

**Avviz Nru. 1422/98**

**Nazzareno u Josephine konjugi Caruana**

**vs**

**Joseph Axisa**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Frar, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

"Rat l-avviz in ezami li permezz tieghu l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid 'l ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1) Tiddikjarah unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba hsarat subiti minnhom fil-fond taghhom ("Peprina" Triq il-

Qadi, Zejtun) bhala rizultat dirett tax-xogholijiet negligentement esegwiti mill-konvenut fil-fond adjacenti ghall-fond ta' l-atturi msemmi.

2) Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elfejn mija u tmienja Liri Maltin (Lm2108.00) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3) Tikkundannah ihallas lill-attur (in vista ta' u wara pagament maghmul mill-konvenut tas-somma ta' elf u mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm1175.00) s-somma bilancjali ta' disa' mija u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm933.00) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti, rappresentanti x-xoghol negligenti esegwiti mill-konvenut fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-gudizzjarja tal-14 ta' April 1998, u bl-imghaxijet legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-imsemmija ittra, cioe' mit-16 ta' April 1998.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut (a fol 4 tal-process) li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione valoris",

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-gudizzju mhux integru;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu illi:-

(a) l-attur jinsab imhallas dak l-ammont stabbilit mill-perit Lawrence Mintoff, perit ta' l-istess attur, u mill-Perit Dennis Camilleri, perit tal-konvenut.

(b) l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut billi huwa ezagerat.

4. Salve eccezzjonijet ulterjuri.

Rat ir-rikors ta' l-attur a fol 7 tal-process li bih l-atturi wara li ippremetew illi hemm lok ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni ossija avviz presentata mill-istess atturi fis-sens illi fit-tieni talba il-kliem "*id-danni fis-somma ta' elfejn mija u tmienja liri Maltin (Lm2108.00)*" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "*il-bilanc tad-danni, (in vista ta' u wara pagament maghmul minnek*) pagabbli minnek fis-somma ta' disa mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm933.)", filwaqt illi fit-tielet talba il-kliem "(*in*

*vista ta' u wara pagament maghmul minnek tas-somma ta' elf mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm1175.00*)" jigu kancellati, talbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni tal-avviz fis-sens mitlub.

Rat id-digrieti taghha preliminari precedenti kif ukoll ir-risposta tal-konvenut (a fol 9 tal-process) li fiha espona illi b'riferenza ghat-talba dedotta mill-atturi ghall-korrezzjonijiet fl-avviz, huwa jirrimetti ruhhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Jissottometti pero' illi l-kompetenza tal-Qrati hija ta' ordni pubbliku u l-Qrati Inferjuri ma jistghux - anqas bl-approvazzjoni taz-zewg partijiet - jidhlu f'materja li dwarha l-ligi ma ttihomx kompetenza; l-esponenti jixtieq biss jevita li wara l-perkors tal-kawza jigi rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn il-Qorti tkun prekluza milli taghti sentenza.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju ser jigu decizi l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenut u rigward l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris" kif ukoll ir-rikors korrettorju hawn fuq premess.

Ikkunsidrat

Illi ma hemm ebda dubbju li mill-avviz kif intavolat u propost, din il-Qorti giet mitluba li tillikwida d-danni imsemmijin fl-istess avviz, "fis-somma ta' elfejn mija u tmienja liri Maltin (Lm2108.00,0) jew somma verjuri ossija fl-ammont li joltrepassa il-kompetenza "qua valur" ta' din il-Qorti (ara l-artikolu 47 et tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-talba kif dedotta mir-rikors a fol 7 tal-process jinghad illi din il-Qorti tinsab dejjem propensa sabiex takkolji talba bhal dik in desamina u dan minhabba ekonomija fil-gudizzju. Pero', f'dan il-kaz, tara illi jekk takkolji l-istess talba ghal zewg korrezzjonijiet kif specifikati fl-istess rikors ma tkunx qed tibdel fis-sustanza, l-azzjoni b'referenza ghall-ewwel zewg talbiet fl-istess avviz (ara l-artikolu 175 ibid).

Difatti, f'kaz li t-talbiet ghal korrezzjoni jigu akkolti thoss illi, xorta wahda, trid tiddeciedi dwar ir-responsabbilta' o meno tal-konvenut ghad-danni sofferti mill-attur kif ukoll il-likwidazzjoni globali ta' l-istess danni, liema talbiet, b'mod evidenti, in rigward valur, jeccedu il-kompetenza ta' din il-Qorti.

> Ikkunsidrat
>
> Illi, ghalhekk, it-talbiet dedotti mill-imsemmi rikors jridu, bilfors, jigu michudin u bhala konsegwenza, tigi akkolta l-eccezzjoni in esami sottomessa mill-konvenut.
>
> Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, kif hawn fuq dedotta u filwaqt li tiddikjara lilha nnfisha bhala inkompetenti "ratione valoris" tastjeni mill tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, bl-ispejjes kontra l-istess atturi".

Minn dik is-sentenza appellaw l-atturi permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fit-3 ta' Marzu, 2000, li bih huma talbu li din il-Qorti joghgobha tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza minnhom appellata, in kwantu cahdet it-talba ghall-korrezzjoni ta' l-avviz, ossia citazzjoni taghhom, u inkwantu laqget l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza sollevata mill-konvenut appellat, u minflok tilqa' t-talba ta' l-atturi appellanti ghall-korrezzjoni ta' l-avviz u tichad l-eccezzjoni tal-konvenut appellat dwar il-kompetenza, u minflok tiddikjara illi l-ewwel Onorabbli Qorti hija kompetenti *ratione valoris* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u tordna r-remissjoni ta' l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti ghas-smiegh u eventwali decizjoni tal-kawza jew, altrimenti, tordna tali remissjoni wara li tkun laqghet biss it-talba ghall-korrezzjoni ta' l-avviz, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut appellat ipprezenta risposta ta' l-appell fit-13 ta' Ottubru, 2000, li biha ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-appellant kellu erba' aggravji, pero', l-ewwel wiehed gie irtirat fil-mori ta' dan l-appell u ghalhekk baqa' tlett aggravji li huma s-segwenti:-

1. Illi t-talba ta' l-appellanti ghall-korrezzjoni ta' l-avviz giet michuda ghax l-ewwel Qorti hasset li b'tali korrezzjoni s-sustanza ta' l-azzjoni kienet sejra tigi mibdula. L-appellanti jissottomettu mod iehor. Is-sustanza tat-talba kienet u baqghet il-pretensjoni tal-hlas tas-somma ta' Lm930 – illi hija ovvjament fil-kompetenza ta' l-ewwel Qorti rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta lill-appellanti bhala danni. Verament l-impostazzjoni ta' din it-talba kienet tigi varjata f'kaz li t-talba ghall-korrezzjoni giet milqugha. Is-sustanza; pero', le.

2. Illi dwar kompetenza ratione valoris jigi ribadit li t-talba ta' l-atturi hija ghall-hlas tas-somma Lm933 li allura taqa, prima facie, fil-kompetenza ta' l-ewwel Qorti. Jezistu, pero', certi pretensjonijiet li ghalkemm *prima facie* ta' kompetenza inferjuri, huma bl-operazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi, meqjusa bhala li jaqghu fil-kompetenza tal-qrati superjuri. Dawn il-pretensjonijiet huma strettament dixxiplinati mil-legislatur, u, proprju ghaliex dawn id-disposizzjonjiet huma ta' ordni pubbliku, kif tajjeb osservat mill-ewwel Qorti, ma humiex soggetti ghall-estensjoni. Minn ezami ta' dawn id-disposizzjonjiet, jirrizulta li t-talba ghall-hlas ta' somma rapprezentanti

bilanc ta' somma akbar li kienet originarjament tezorbita l-kompetenza tal-qrati inferjuri, ma hiex konsidrata ghal daqshekk bhala talba li taqa' fil-kompetenza superjuri.

3. Illi l-avviz ta' l-atturi appellanti kien possibilment intavolat b'mod infelici b'talba li kienet timplika kompetenza superjuri. It-talba ghall-korrezzjoni ta' dan l-avviz, pero', kienet intiza biex tikkoregi tali implikazzjoni b'mod illi kieku tali talba giet trattata u milqugha, kwalsiasi oggezzjoni dwar il-mod li gew impostati t-talbiet attrici, kienet tizvanixxi. Illi l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Onorabbli Qorti messha laqghet it-talba ta' l-atturi ghall-korrezzjoni ta' l-avviz, u mbaghad ipprocediet biex tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar kompetenza.

Illi din il-Qorti wara li kkonsidrat dak li gara fil-prim'istanza, tasal ghall-konkluzjoni li ghandha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Dana ghaliex in realta' bit-talba ta' l-atturi, llum appellanti, ghall-korrezzjoni ta' l-avviz promotorju, xorta wahda ma kienx ser jigi eliminat il-bzonn li l-ewwel Qorti "tillikwida dawk id-danni fis-somma ta' Lm2,108 .............." Dana ghaliex anke bil-kancellament tal-paragrafu relattiv mill-avviz promotorju, u bl-introduzzjoni tal-kliem "tillikwida l-bilanc tad-danni, in vista ta' wara pagament maghmul minnek" pagabbli minnek fis-somma ta' Lm933, xorta jibqa' l-fatt illi biex jigi likwidat il-bilanc ried bilfors jigi llikwidat l-ammont principali originarjament dovut.

Infatti, jekk kienx dovut bilanc ta' Lm933 jiddependi mhux minn kemm thallas precedentement imma minn kemm kien dovut precedentement, u kemm kien dovut precedentement huwa essenzjalment il-mertu principali ta' dak li l-ewwel Qorti giet mitluba tiddeciedi – cioe' illi tillikwida l-ewwel u qabel kollox l-ammont ta' danni kawzati bhala rizultat tax-xogholijiet negligenti esegwiti fil-fond imsemmi. Jigifieri qieghed jinghad li una volta l-kawza saret biex fl-ewwel lok jigi stabbilit li gew kawzati danni, u inoltre r-responsablita' ta' dawk id-danni, oltre l-likwidazzjoni ta' l-istess, bhala premessi mbaghad ghall-kundanna tal-bilanc pretiz, il-mertu kien u baqa' jinvolvi dejjem il-likwidazzjoni ta' l-ammont ta' danni globali li minnu nnifsu, u prima facie, jezorbita mill-kompetenza ta' l-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex diffikulta li tghaddi, kif effettivament qed taghmel, billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellanti.

Dep/Reg

mm